MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Talba Numru. 2825/2002

***Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra***

***vs***

***Hassan Khaled***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Novembru 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46) rappresentanti kwantu ghal Lm44.75 *Royalty* dovuta bil-quddiem ghal perijodu mis-6 ta' Gunju 2002 sal-5 ta' Gunju 2003, in konnessjoni mal-licenzja numru 011514 (Dokument A anness ma' l-avviz) rilaxxjata mis-socjeta' attrici favur il-konvenut, rigwardanti l-istabbiliment *Crazy Chef Take Away*, Sliema u Lm6.71 Taxxa fuq il-Valur Mizjud

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-31 ta’ Awissu 2002 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta’ l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-P.L. Josette Attard ghas-socjeta’ attrici nomine, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokument esebit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ wiehed u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------